MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 790/2003

**A [B] C**
**vs**
**L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur legali Mario Mifsud Bonnici nominati b' digriet tat-18 ta' Novembru 2003 biex jirrapprezentaw lill-assenti D C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti A C nee E u D C kienu kkontrattaw zwieg bejniethom fid-29 ta' April 1974 Dok. A;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ser ikun ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew dritt ghall-att taz-zwieg liema att taz-zwieg qatt ma sar bejn il-partijiet.

Peress illi ser jirrizulta simulazzjoni tal-kunsens tant li dan kien kompletament ivvizzjat u/jew sar bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg.

Peress illi ser jirrizulta li ma kienx hemm xewqa ta' tfal rizultanti mir-relazzjoni taz-zwieg bejn il-partijiet.

U ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini ta' l-artikoli rilevanti skond l-Att XXXVI tal-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti A D nee E u D C debitament ikkontrattat fid-29 ta' April 1974 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f' dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa biex jixhed in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew li ma humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza, filwaqt li rriservaw li jipprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri kif ikunu edotti bil-fatti tal-kaz;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda u l-affidavit;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut assenti fid-29 ta’ April 1974 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali “tal-partijiet” huwa vizzjat fit-termini ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d], u tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

**Kwadru tal-fatti**

Illi l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi.

Illi mill-provi mhux kontradetti jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fid-29 ta’ April 1974 meta allura, l-attrici, cittadina Maltija kellha 17- il sena, u l-konvenut assenti, cittadin Grieg, kellu 19-il sena, u dan wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa xaharejn f’ liema zmien l-attrici kienet harget tqila mill-konvenut.

F’ dan iz-zwieg twieldu erbat-it tfal, fis-snin 1974, 1976, 1981 u 1986 u ghalhekk b’ intervalli ta’ sentejn, u ta’ hames snin.

Fis-sena 1992 il-partijiet isseparaw de facto wara konvivenza matrimonjali ta’ kwazi ghoxrin [20] sena. Sussegwentement l-attrici giet lura Malta fejn ilha toqghod ghal dawn l-ahhar ghaxar snin, filwaqt li, skond informazzjoni li ghaddielha wiehed mit-tfal taghha, il-konvenut baqa’ jghix fil-Grecja, ma mara ohra li minnha ghandu tarbija.

Illi fl-affidavit[1] taghha, mhux kontraddett, l-attrici tispjega li ftit wara li kienet bdiet tohrog mal-konvenut hija kienet harget tqila minnu, u ghalkemm qassis kien taha parir sabiex twelled it-tarbija Ghawdex u taghti t-tarbija f’ adozzjoni, “jekk ma ridtx inbati fil-futur”, hija xorta wahda ddecidiet li ma timxix fuq dan il-parir u li zzomm it-tarbija. Konsegwentement “ma kellix triq ohra meta gejt mhegga

[1] Fol.32 *et seq.* sottolinear tal-Qorti

naghmel il-pass taz-zwieg.” u ghalhekk izzewwget lill-konvenut fid-29 ta’ April 1974 wara li kienet ilha tafu biss xaharejn. Fid-deposizzjoni [2]taghha tghid in propositu li lil missierha ma kienitx qaltlu li kient tqila, u dan, mhux ghax kienet tibza minnu, izda “minhabba r-rispett”.

L-attrici tkompli tispjega li gurnata wara li zzewwgu, il-partijiet marru l-Grecja biex jghixu hemmhekk. Hi tghid li mill-bidu tal-konvivenza matrimonjali zewgha wera li ma kienx bniedem responsabbli fil-hajja mizzewwga u kien jghir ghaliha u jsawwatha, u ssemmi ncidenti partikolari ta’ vjolenza u agir irresponsabbli minghajr pero’ ma ghamlet referenza specifika ghaz-zmien li fih sehhew. Hi tghid li sussegwentement ghaz-zwieg hija kienet indunat li zewgha kellu debolezza ghan-nisa, u eventwalment kienet indunat li huwa kien imur man-nisa u, wara li dawn kienu johorgu tqal minnu, kienu jaghmlu abort fuq insistenza tieghu. Tghid ukoll li zewgha kien ghamel hafna djun fuq ismiha tant li kellha titlaq mill-Grecia fis-sena 1992 circa. Minn dak in-nhar zewgha qatt ma ppruva jaghmel kuntatt maghha.

Illi, stante li fl-att tac-citazzjoni, l-attrici ppremettiet li “ma kienx hemm xewqa ta’ tfal rizultanti mir-relazzjoni taz-zwieg tal-partijet” kif ukoll tenut kont tal-konvivenza matrimonjali infelici ta’ l-attrici li skond hi bdiet mill-bidu nett taz-zwieg, l-attrici, fuq mistoqsija tal-Qorti jekk kienitx jew setghetx tiehu xi prekawzzjonijiet biex ma jikollhomx tfal fiz-zwieg, l-attrici rrispondiet hekk:  “Ippruvajt, sa hames snin ma kellix;  ghaddew hames snin heqq imbaghad gew hux, xi tridi naghmel.  Ma kontx kapaci lanqas innehihom allavolja kien hemm l-abortion hemmhekk.”[3]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-attrici qeda tibbaza t-talba taghha ghan-nullita’ taz-zwieg fuq il-*capita nullitatis* kontemplati fil-paragrafu [d] u [f] ta’ l-artikolu precitat.

[2] Fol.43 *et seq.*
[3] Fol.51

Illi in tema legali jigi osservat li, gjaladarba z-zwieg in disamina gie celebrat fis-sena 1974, u ghalhekk qabel il-promulazzjoni ta' l-Att XXXVII [Kap.255] tas-sena 1975 li beda jirregola z-zwiegijiet civili, u gjalarba dan iz-zwieg kien gie celebrat bir-rit religjuz[4], allura l-ligi li kienet tirregola z-zwieg taghhom kien id-Dritt Kanoniku vigenti qabel l-emendi tas-sena 1983; u ghalhekk bid-dritt kanoniku msejjah Kodici Pio Benedittin tas-sena 1917; u jekk iz-zwieg jigi misjub validu that dan il-qafas guridiku, allura ghall-ezami tieghu that l-imsemmi Att XXXVII josta l-artikolu 36[2] ta' l-istess Att, li jistipula li *"Ebda haga f' dan l-Att ma ghandha tolqot il-validita' ta' zwieg li kien validu meta sar."*[5]

Illi mill-att tac-citazzjoni jidher li t-talbiet attrici huma bazati fuq [1] difett serju ta' diskrezzjoni ta gudizzju fuq id-dmirijiet u l-obbligi tal-hajja matrimonjali; u [2] fuq l-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew xi obbligu essenzjali ghaz-zwieg; u dan da parti taz-zewg partijiet.

Skond il-Kodici Pio Benedettin dawn jirreferu ghall-kanoni 1082 u 1086; kif ukoll il-caput nullitatis li zdied mill-gurisprudenza rotali, dak ta' diskrezzjoni ta' gudizzju li kien diga' jigi applikat qabel l-introduzzjoni tal-Kodici Kanoniku tas-sena 1983 f' dawn it-termini "It is necessary that the contracting party be possessed of that discretion of mind and freedom of will that is generally required for entering into any contract and especially into this perpetual and indissoluble contract through which a state of life is accepted which has grave obligations."[6]

Illi fil-meritu l-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li l-attrici kienet izzewwget ta' eta' li llum il-gurnata hija kunsidrata bhala zghira ghaz-zwieg, izda gjaldarba hija kellha l-eta' preskritta mill-ligi biex tikkuntratta zwieg, allura tinholoq il-presunzoni li hija ghandha discretio iudicii adegwat sabiex tizzewweg, salv li jigi pruvat il-kuntrarju.

---

[4] Vide Att taz-Zwieg [fol.5]

[5] Vide PA[RCP] Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003 u kazistika hemm citata

[6] Decizjoni Rota *De Jure* – 19.12.1961

Illi fil-kaz odjern, ma jirrizultax li la l-attrici u lanqas il-konvenut ma kienu affetti, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, minn inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali; *multo magis* l-attrici li, bid-decizjoni li hadet li zzomm it-tarbija u tizzewweg, turi li ghamlet xelta libera fic-cirkostanzi li sabet ruhha fihom. Lanqas ma jirrizulta li xi parti ma kellhiex certu dixxerniment tal-obbligi u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewwga. Di piu' il-konvivenza matrimonjali twila ta' kwazi ghoxrin [20] sena, li matulha twieldu erbat-it tfal li tlieta minnhom kienu spazjati b' intrervalli ta' sentejn, hames snin u hames snin, jimmilita kontra t-tesi attrici li dina, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens taghha, ma gharrfitx l-obbligi matrimonjali tagha; *multo magis*, meta kif qalet hi, nonostante li fil-Grecja kien hemm l-abort, hija ddecidiet korrettament li zzomm it-tfal kollha taghha. Dan jimmilita wkoll kontra l-premessa fl-att tac-citazzjoni, fuq citata, li minn dan iz-zwieg ma xtaqitx tfal, meta l-fatti juru li l-partijiet ma kienux hadet prekawzzjonijiet f' dan ir-rigward.

Hija opportuna l-osservazzjoni li l-fatt li wara z-zwieg zviluppaw problemi bejn il-partijiet li eventwalment, wara ghoxrin sena, wasslu ghas-separazzjoni de facto bejniethom, ghalkemm dawn il-problemi jistghu jikkostitwixxu bazi legali ghal separazzjoni personali; izda din il-Qorti ma thoss li gew provati l-estremi ta' l-annullament taz-zwieg u senjatament dawk fuq indikati.

Illi in kwantu ghal-kawzali bazata fuq is-simulazzjoni, il-Qorti, filwaqt tosserva li l-konsiderazzjonijiet suesposti huma relevanti, tosserva ulterjorment li ma rrizultax provat li <u>fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali</u> l-partijiet, jew xi hadd minnhom kien internament eskluda xi dmir jew dritt tal-hajja mizzewwga, b' att posittiv tal-volonta' taghha. Anke f' dan ir-rigward, il-konvivenza twila u l-prokreazzjoni ta' erbat-it tfal u t-trobbija taghhom matul dan il-perijodu, jdghajjfu serjament il-kaz ta' l-attrici bazat fuq din il-kawzali. Jigi ribadit li dak li sar zmien wara d-data taz-zwieg, u senjatament il-kwistjonijiet li il-partijiet kien

ikollhom bejniethom, u l-allegat aldulterju u libertinagg tar-ragel, ma jwasslux ghall-integrazzjoni ta’ dan il-caput nullitatis, stante li ma jirrizultax sodisfacentement provat li dan il-komportament abusiv tar-ragel fil-konfront ta martu sehh fi zmien qrib hafna id-data taz-zwieg. Dan isib konfort mic-cirkostanzi provati.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg li sar fis-sena 1974 bejn il-partijiet kien zwieg legalment validu, u li ghalhekk it-talba attrici ma tistax tintlaqa’.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------